IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 589 final

2016/0287 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-pakkett il-ġdid tat-telekomunikazzjoni li l-Kummissjoni adottat illum jinkludi Komunikazzjoni li tistabbilixxi viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini u għan-negozji fis-Suq Uniku Diġitali[1], u jinkludi wkoll proposta leġiżlattiva għal Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika[2] li jirrevedi l-qafas regolatorju għat-telekomunikazzjoni elettronika. Il-proposti tal-Kummissjoni jistabbilixxu r-riformi meħtieġa biex ikunu żgurati d-disponibbiltà u l-adozzjoni ta' netwerks b'kapaċità kbira ħafna li jippermettu l-użu fil-wisa' ta' prodotti, servizzi u applikazzjonijiet fis-Suq Uniku Diġitali.

Il-konnettività diġitali u tal-internet ibiddlu mill-qiegħ il-ħajjiet privati u l-prattiki professjonali fl-Unjoni u lil hinn, u għaldaqstant hemm bżonn li jkun żgurat li l-pubbliku ġenerali jitħeġġeġ jaħtaf l-opportunitajiet li toffri din il-bidla.

Għal din ir-raġuni, fost l-għanijiet strateġiċi, il-Kummissjoni timmira li sal-2025 il-postijiet fejn jingħataw is-servizzi pubbliċi, bħall-binijiet tal-amministrazzjoni pubblika, l-isptarijiet u l-libreriji, jitgħammru b'konnessjonijiet tal-internet tal-Gigabits. Jekk dawn iċ-ċentri u ċentri oħrajn tal-ħajja komunitarja, fosthom l-ispazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku ġenerali, jiġu konnessi b'veloċitajiet ferm akbar mill-aċċess għall-internet funzjonali, iċ-ċittadini mill-oqsma kollha tal-ħajja jkunu jistgħu jaħtfu l-vantaġġi tal-konnettività tal-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss waqt li jkunu qed jivvjaġġaw, meta l-konnessjoni tkun tant meħtieġa.

Fost il-miżuri li jwieżnu dan il-għan, il-pakkett il-ġdid se jippromwovi l-introduzzjoni ta' punti tal-aċċess lokali bla fili permezz ta' proċeduri simplifikati tal-ippjanar u obbligi regolatorji ħfief, fost l-oħrajn meta dan l-aċċess ikun provdut fuq bażi mhux kummerċjali jew ikun anċillari għall-forniment ta' servizzi pubbliċi oħrajn.

Il-miżura proposta hawnhekk tikkumplimenta dan l-isforz b'emendi fil-qafas ġuridiku tat-telekomunikazzjoni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013[3] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament CEF") u fir-Regolament (UE) Nru 283/2014[4] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Linji Gwida"). Dawn l-emendi jinkoraġġixxu lill-entitajiet b'missjoni pubblika bħalma huma l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri tas-servizzi pubbliċi biex joffru konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali (bħal pereżempju fil-binjiet tal-amministrazzjoni pubblika, fil-libreriji, fiċ-ċentri tas-saħħa u fl-ispazji pubbliċi fil-beraħ). Għal dan il-għan, din tipprovdi inċentivi finanzjarji favur dawk l-entitajiet li jixtiequ jipprovdu konnettività lokali bla fili, b'kapaċità kbira u mingħajr ħlas fi spazji pubbliċi fil-beraħ fil-ġuriżdizzjoni tagħhom jew fis-siti tagħhom tas-servizz. Fl-ewwel fażi tal-intervent se tingħata prijorità lill-fondi lill-

---

1 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv – Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits (COM(2016) 587).

2 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika (Riformulazzjoni) (COM(2016)590).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015, ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

4 Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE, ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.

awtoritajiet pubbliċi lokali għal punti tal-aċċess fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali, inkluż fl-ispazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku ġenerali.

L-intervent jistimula l-integrazzjoni ma' servizzi pubbliċi eżistenti, u għalhekk se jippromwovi l-interess taċ-ċittadini f'servizzi tal-internet b'kapaċità kbira u jikkontribwixxi ferm għall-adozzjoni tas-servizzi tal-broadband u għall-iżvilupp tal-infrastruttura pubblika. Jekk fil-postijiet fejn jinġabru u jistennew in-nies biex jissoktaw bil-qadjiet tagħhom ta' kuljum ikun hemm aċċessibbli konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas, din tipprovdi valur miżjud ġmielu għax il-ħin tal-istennija u tal-vjaġġ jista' jissarraf f'esperjenzi produttivi, rilassanti jew aktar informattivi. Barra minn hekk, dawn il-punti tal-aċċess lokali bla fili jistgħu jipprovdi aktar granularità ta' kopertura fi nħawi li mhux faċli jintlaħqu jew li huma miżgħuda b'għadd kbir ta' utenti tant li mingħajrha tiddgħajjef ferm l-esperjenza tal-konnettività bla fili. Jekk l-utenti jkunu jistgħu jibqgħu konnessi waqt li jkunu għaddejjin bil-qadi tagħhom, dawn isaħħu l-mobbiltà, il-flessibbiltà u l-interess li jużaw is-servizzi li joffru l-entitajiet b'missjoni pubblika, u ċ-ċittadini jaf ikollhom kontroll aħjar fuq it-tqassim tal-ħin. Fl-istess waqt, l-ilħuq limitat tal-punti tal-aċċess uniċi jiżgura li din l-offerta pubblika ma tikkontestatx l-offerti kummerċjali, iżda tista' taqdi rwol importanti fil-promozzjoni tal-użu tal-broadband u tippromwovi l-litteriżmu diġitali. Min-naħa tiegħu, dan jippromwovi l-interess tal-utenti biex jieħdu offerti kummċerjali tal-broadband residenzjali jew mobbli. L-intervent propost jikkumplimenta l-kunċett leġiżlattiv ġdid ta' servizz universali li hemm fil-proposta ta' Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjoni Elettronika, fejn kull ċittadin tal-UE għandu dritt għal konnessjoni: id-dritt għal konnessjoni tal-internet funzjonali, għallinqas f'post fiss, bi prezz li wieħed jiflaħ u b'mod li wieħed ikun jista' jinvolvi ruħu bis-sħiħ fl-ekonomija u s-soċjetà diġitali.

Il-miżura proposta tipprevedi mekkaniżmu sempliċi ta' finanzjament għall-installazzjoni ta' punti tal-aċċess lokali bla fili. L-intervent tfassal biex jinkiseb l-akbar impatt fi żmien qasir billi jitrawwem l-interess taċ-ċittadini fis-servizzi tal-aċċess għall-internet u biex jeħfief l-użu ta' servizzi diġitali pubbliċi, inkluż l-aċċess għal infrastrutturi tas-servizz diġitali. L-aspettattiva li l-interess iġġenerat se jipprovdi l-bażi biex tissokta l-operazzjoni u biex il-punti tal-aċċess possibbilment jinbidlu mingħajr aktar għajnuna finanzjarja skont ir-regolamenti hija konsistenti mal-għan li ftit ftit titneħħa din l-għajnuna kull meta possibbli u li titħeġġeġ id-dipendenza fuq mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi.

Biex ikun żgurat li l-intervent ikollu natura mmirata u biex jinkiseb l-akbar benefiċċju pubbliku possibbli, il-finanzjament se jkun limitat għal sitwazzjonijiet meta l-ebda punt tal-aċċess pubbliku jew privat mingħajr ħlas ma jkun jeżisti biex jipprovdi broadband b'veloċità kbira ħafna. Billi l-ammont tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li għandu jingħata għal azzjonijiet individwali se jkun inqas mil-limitu tal-għotjiet ta' valur baxx ta' EUR 60,000 previst fir-Regolament Finanzjarju[5], bl-intervent mhu mistenni l-ebda effett sostanzjali fuq il-kompetizzjoni[6]. Barra minn hekk, il-finanzjament għandu jingħata b'mod bilanċjat ġeografikament biex jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni

5 Kif definit fl-Artikolu 185 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2462 tat-30 ta' Ottubru 2015, ĠU L 342, 29.12.2015, p. 7.

6 Normalment, kull għajnuna finanzjarja addizzjonali mill-Istati Membri għandha tikkwalifika bħala għajnuna *de minimis*, kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1. Jekk din l-għajnuna finanzjarja addizzjonali mill-Istati Membri ma tissodisfax ir-rekwiżiti biex tkun tista' titqjies bħala għajnuna *de minimis*, l-Artikoli 107 u 108 TFUE għandhom japplikaw għall-finanzjament addizzjonali.

billi jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali[7]. Bl-applikazzjoni konġunta ta' dawn il-kriterji, l-intervent propost hu konsistenti mal-qafas tas-swieq miftuħa u kompetittivi li jirfdu l-operazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej.

Minbarra li jistimula d-domanda għal konnettività tal-broadband b'veloċità kbira u jħeġġeġ l-adozzjoni wiesgħa fil-livell komunitarju, l-intervent se jħalli wkoll bosta effetti pożittivi indiretti li jvarjaw minn aċċess aħjar għall-gvern elettroniku u parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, inkluż għal gruppi demografiċi li inkella jsibuha diffiċli biex jaċċessaw il-konnettività (bħar-refuġġjati u l-gruppi bi dħul baxx), għal infrastruttura addizzjonali għall-komunikazzjoni waqt emerġenza u kriżi u avviżi tas-servizz pubbliku. Biex ikun żgurat li l-komunitajiet lokali b'riżorsi limitati jkunu jistgħu jgawdu wkoll minn dawn il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fis-Suq Uniku Diġitali, b'din il-miżura għandu jkun disponibbli ċertu appoġġ sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli u mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kofinanzjament. Il-benefiċjarji potenzjali jaf jinvolvu lill-membri tal-komunità lokali biex iwettqu azzjonijiet iffinanzjati mill-miżura proposta biex jinstabu ċ-ċentri tal-ħajja pubblika fejn l-installazzjoni ta' punti tal-aċċess bla fili u mingħajr ħlas tkun tipprovdi l-akbar valur miżjud għall-komunità.

Minħabba n-natura flessibbli u ffukata tiegħu b'rabta mal-appoġġ għan-netwerks tal-broadband skont il-pakkett tas-settur tat-telekomunikazzjoni għall-implimentazzjoni tas-CEF, l-intervent għandu jitqies bħala proġett separat ta' interess komuni b'azzjonijiet assoċjati skont ir-Regolament CEF u b'baġit apposta, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu stabbiliti skont ir-Regolament tal-Linji Gwida. Billi l-għajnuna finanzjarja mogħtija lil kull benefiċjarju hija limitata, iżda l-għadd ta' benefiċjarji hu ġmielu, hu importanti li jkun żgurat li l-proċeduri amministrattivi jiġu simplifikati biex id-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jittieħdu malajr u b'mod effiċjenti. Għal dan il-għan, bir-Regolament CEF l-Istati Membri għandhom jitħeġġu biex japprovaw il-kategoriji tal-proposti skont dan l-intervent, minflok ma jkollhom joqogħdu jaqblu fuq listi ta' benefiċjarji individwali. Bl-implimentazzjoni ta' din l-emenda b'mod orizzontali għall-benefiċċju ta' proġetti oħra ta' interess komuni, il-proposta twieġeb ukoll is-sejħiet tal-Istati Membri għal modi aktar effiċjenti li jimplimentaw l-azzjonijiet fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali.

Biex ikun żgurat li l-miżura tkun rispons għal varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet u tkun tista' tagħti riżultati konkreti malajr kemm jista' jkun, hu essenzjali li l-forom ta' għajnuna finanzjarja disponibbli ma jiġux limitati bla bżonn. F'dan il-kuntest jista' jinżamm ċertu livell importanti ta' flessibbiltà billi l-implimentazzjoni titħalla tibbenefika mill-akbar firxa possibbli ta' forom ta' għajnuna xierqa għall-intervent. Għal dan il-għan, u minħabba n-negozjati li għaddejjin dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, it-test tar-Regolament CEF għandu jiġi emendat biex jiġi ċċarat li kull azzjoni li tikkontribwixxi għall-proġetti ta' interess komuni, inkluż dan l-intervent, ġeneralment huma eliġibbli għall-appoġġ bil-forom ta' għajnuna finanzjarja disponibbli bħalissa u prospettivi skont ir-Regolament Finanzjarju.

Min-naħa l-oħra, għall-istess raġunijiet, qed ikun propost li jiġu speċifikati l-forom ta' għajnuna finanzjarja disponibbli għall-intervent b'mod konsistenti reċiprokament fir-Regolament CEF u fir-Regolament tal-Linji Gwida. Aktarx, l-għotjiet ikunu l-aktar tip ta' għajnuna finanzjarja xierqa biex jintlaħaq l-għan tal-promozzjoni ta' konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali, iżda forom oħrajn ta' għajnuna finanzjarja ma għandhomx jiġu esklużi awtomatikament, ħlief għall-istrumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji għandhom jitħallew barra minħabba l-piż amministrattiv relattivament għoli

7 L-għan li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata ġeografikament tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni jrid jinkiseb fil-limiti tal-proposti rċevuti realment, u b'konformità sħiħa mal-prinċipji għal ċerti forom ta' għajnuna finanzjarja kif definit fir-Regolament Finanzjarju.

tagħhom u d-dewmien assoċjat fl-implimentazzjoni, li ma jipprovdux biżżejjed konformità mal-karatteristiċi tal-azzjonijiet previsti.

Biex tiżgura l-ħeffa u l-effiċjenza, l-implimentazzjoni ta' dan l-intervent se ssir bi proċeduri amministrattivi simplifikati b'dokumentazzjoni standardizzata (bħal vawċers) u għodod online għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet kif ukoll għall-monitoraġġ u l-awditjar sussegwenti tal-punti tal-aċċess lokali bla fili installati.

Hu mistenni li l-miżura proposta, promossa bin-netwerk tal-UE tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband[8], se toħloq għarfien fost l-awtoritajiet lokali u ċ-ċittadini fuq il-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni għas-Soċjetà tal-Gigabits u se tipprovdi livell għoli ta' viżibbiltà u l-fiduċja fil-kapaċità tal-UE biex tipprovdi konnettività u aċċess għal servizzi diġitali madwar il-kontinent Ewropew. Ir-rikonoxximent tal-azzjonijiet iffinanzjati bil-miżura proposta se tiżgurah l-identità viżiva speċifika li se tiżviluppa l-Kummissjoni u li se tkun disponibbli għall-benefiċjarji waqt l-implimentazzjoni, u b'hekk ikun żgurat ir-rikonoxximent tal-marka.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-qasam ta' politika**

Bħalissa, il-qafas ġuridiku għat-telekomunikazzjoni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jipprevedi appoġġ finanzjarju fil-qasam tat-telekomunikazzjoni għall-infrastrutturi tas-servizzi diġitali (fl-għamla ta' għotjiet u/jew akkwist) u għan-netwerks tal-broadband (fl-għamla ta' strumenti finanzjarji).

Fejn jidħol l-intervent li jappoġġa l-broadband, minħabba l-importanza ewlenija tan-netwerks tal-broadband għat-tkabbir u għall-impjiegi, u minħabba l-isfidi – finanzjarji u tekniċi – marbutin mal-investiment pubbliku fis-settur, ir-Regolament tal-Linji Gwida jipprevedi intervent limitat. Is-CEF tiffinanzja kontribuzzjoni żgħira biex jitwaqqfu strumenti finanzjarji fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari b'koperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment, biex tiffaċilita l-użu effiċjenti ta' riżorsi oħra pubbliċi u privati. Din għandha l-għan li jinbdew proġetti innovattivi tal-broadband, ibbażati fuq l-aktar teknoloġija avvanzata u b'potenzjal tajjeb għar-replikabbiltà, u b'hekk jintlaħqu l-għanijiet tagħha kemm direttament kif ukoll b'effett dimostrattiv.

Il-miżura proposta tikkumplimenta l-elementi tal-proposta għal Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika li huma msejsin fuq l-utenti finali. L-appoġġ għall-installazzjoni ta' punti tal-aċċess lokali bla fili fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali jikkumplimenta azzjonijiet oħra fis-settur tat-telekomunikazzjoni tas-CEF u sorsi oħrajn ta' appoġġ finanzjarju, bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, li jappoġġaw it-tifrix tan-netwerks tal-broadband. Billi bħalissa dawn l-azzjonijiet la tkoprihom is-CEF u lanqas ma jkoprihom ir-Regolament tal-Linji Gwida, hu propost li dawk ir-regolamenti jiġu emendati kif meħtieġ.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta tissejjes fuq l-Artikolu 172 tat-TFUE, li jkopri l-intervent tal-UE li jappoġġa t-twaqqif u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-infrastrutturi tal-enerġija. B'konformità mal-Artikolu 170(1) tat-TFUE, l-inizjattiva tiżgura li l-komunitajiet lokali jistgħu jiksbu l-benefiċċju kollu tas-Suq Uniku Diġitali billi bl-introduzzjoni ta' dawn in-netwerks tiġi stabbilita żona mingħajr fruntieri interni.

[8] https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/broadband-competence-offices.

- **Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej, kif definit fl-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta tqis b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali fil-kuntest usa' tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi biex jinkiseb suq intern għall-komunikazzjoni elettronika u tippermetti l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet fih. Billi t-twaqqif ta' żona li tkopri l-UE kollha b'konnettività bla fili ta' kwalità kbira ma jistax isir b'azzjoni ta' Stati Membri individwali, il-proposta hi konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-Artikolu 5 tat-TUE. Hu mistenni li l-intervent jiġi promoss fost l-oħrajn bin-netwerk tal-UE tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband, u dan għandu jgħin biex ikun żgurat li l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effiċjenti u biex il-piżijiet amministrattivi jkunu mill-inqas.

L-inizjattivi attwali relatati mal-konnettività lokali bla fili mingħajr ħlas huma frammentati, u dan iwassal għall-ineffiċjenzi. Jidher ċar li ma teżisti l-ebda strateġija ġenerali li tippromwovi l-aċċess għal konnettività bla fili madwar l-Unjoni ħalli ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali fis-Suq Uniku Diġitali. Billi l-introduzzjonijiet individwali ta' punti tal-aċċess lokali huma limitati mil-lat ta' territorju, anki fil-komunitajiet lokali, il-koordinazzjoni f'dan l-isforz issir ferm aktar importanti biex ikun żgurat li l-introduzzjoni tkun tippromwovi l-interess komuni f'konnettività mal-UE kollha b'mod koerenti. Jekk l-introduzzjoni pan-Ewropea ta' soluzzjonijiet tal-konnettività bla fili u mingħajr ħlas issir b'koerenza, din tottimizza l-ispejjeż tal-intervent (b'mod partikolari billi tnaqqas l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-għotjiet żgħar minħabba l-effetti tal-iskala, iżda anki billi tnaqqas il-prezz tat-tagħmir) u tiżgura aktar ekwità fl-aċċess, u b'hekk iżżid il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni. Il-miżura proposta tfasslet biex tkompli żżid il-valur Ewropew billi tiżgura li l-infrastrutturi l-ġodda jkunu jippermettu wkoll aċċess permezz ta' infrastrutturi tas-servizzi diġitali għal servizzi interoperabbli trans-Ewropej ta' interess komuni bħal Europeana, għal infrastrutturi tas-servizz tal-internet aktar sikuri u għal servizzi transfruntieri interoperabbli tas-saħħa elettronika.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent propost hu limitat għall-forniment tal-konnettività fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika u fi spazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku permezz ta' punti tal-aċċess li b'mod inerenti għandhom kopertura limitata, u l-proġetti individwali jkunu żgħar. B'hekk l-intervent jibqa' proporzjonat mal-għan li l-komunitajiet lokali jitħallew jieħdu sehem fid-dimensjoni bla fili tas-Suq Uniku Diġitali mingħajr preġudizzju għall-offerti kummerċjali. Fl-istess waqt, il-miżura hi mistennija tħalli effetti konsegwenzjali pożittivi fuq il-parteċipazzjoni ġenerali fl-offerti tal-konnettività permezz ta' servizzi tal-aċċess provduti kummerċjalment. L-effikaċja tal-intervent hi mistennija tkompli tissaħħaħ għax ir-replikabbiltà hi faċli u minħabba l-eventwali effetti dimostrattivi ta' każijiet ta' użu b'suċċess.

L-amministrazzjoni online tal-miżura proposta u fost l-oħrajn flimkien mal-appoġġ tan-netwerk domestiku tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband se jiżguraw li l-piż amministrattiv imġarrab bl-implimentazzjoni tal-inizjattiva u bil-parteċipazzjoni fiha jkun mill-inqas.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Din l-inizjattiva tikkumplimenta l-pakkett il-ġdid tat-telekomunikazzjoni, inkluż il-Komunikazzjoni li tistabbilixxi viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini u għan-negozji fis-Suq Uniku Diġitali u l-proposta leġiżlattiva li tirrevedi l-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika, u għalhekk tistrieħ bil-bosta fuq il-kontribut tal-partijiet konċernati u fuq l-analiżi fil-fond li ssir waqt l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt li jappoġġaw dawn il-proposti u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal mehmużin mal-Komunikazzjoni. L-aktar punti rilevanti għall-miżura proposta huma miġbura fil-qosor hawn taħt. B'mod ġenerali, l-analiżi turi li filwaqt li l-azzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji jistgħu jneħħu l-ostakli, isaħħu l-inċentivi kompetittivi, iżidu l-prevedibbiltà għall-investituri u jnaqqsu l-ispejjeż għall-introduzzjoni tan-netwerk, il-finanzjament pubbliku għandu rwol importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-konnettività fit-tul tal-Ewropa.

Ir-rapport riċenti[9] li jiġbor fil-qosor l-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika li għamlet il-Kummissjoni fuq ir-rieżami tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika joħroġ fid-dieher li ħafna awtoritajiet pubbliċi u parteċipanti privati jappoġġaw l-introduzzjoni ta' netwerks tal-Wi-Fi fil-binjiet pubbliċi, u li jinħoloq ambjent regolatorju xieraq għal kwistjonijiet bħar-responsabbiltà tal-fornitur tal-aċċess u l-esponiment għall-kampi elettromanjetiċi (l-EMF). L-operaturi saħqu li kull appoġġ pubbliku għandu jkun newtrali mil-lat teknoloġiku u enfasizzaw li t-tifrix jista' wkoll jeħfief b'diversi forom ta' sħubijiet pubbliċi privati. Dawn ir-riżultati huma konformi mal-evalwazzjoni *ex-post* tar-reġim attwali, li takkumpanja l-proposta għal rieżami tal-qafas regolatorju.

Il-valutazzjoni tal-impatt li saret għar-rieżami tal-qafas regolatorju tibni fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet li semmew il-partijiet konċernati u tipproponi li jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar l-introduzzjoni ta' ċelloli żgħar. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jnaqqsu l-ispejjeż għall-introduzzjoni ta' netwerks densi ħafna u li jsaħħu l-aċċess għall-konnettività lokali bla fili lokali ħalli tiġi ssodisfata d-domanda esponenzjali għal konnettività kullimkien. Il-miżura proposta, li tikkumplimenta l-alternattiva preferuta għall-iżvilupp tal-qafas regolatorju fil-qasam tal-ġestjoni tal-ispettru, se tgħin biex jitrawwem il-forniment ta' konnettività lokali bla fili u b'hekk tgħin biex titwettaq il-viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini u għan-negozji fis-Suq Uniku Diġitali.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-approprjazzjonijiet li teħtieġ din il-proposta jridu jiġu ffinanzjati għalkollox fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. EUR 70 miljun għandhom jiġu allokati mill-ġdid fi ħdan l-ammonti programmati għas-settur tat-telekomunikazzjoni tas-CEF 2017-2019, u EUR 50 miljun se jiġu trasferiti fil-pakkett finanzjarju għall-qasam tat-telekomunikazzjoni permezz ta' emenda tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament CEF. Għal raġunijiet ta' konsistenza, din iż-żieda hi riflessa wkoll fil-proposta għal emenda tal-qafas ġuridiku għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi[10], kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2015/1017[11].

9 https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/full-synopsis-report-public-consultation-evaluation-and-review-regulatory-framework-electronic

10 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 dwar l-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dan il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (COM(2016) 597).

11 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, ĠU 169, 1.7.2015, p. 1.

2016/0287 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[12],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[13],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini u għan-negozji fis-Suq Uniku Diġitali[14] tiddeskrivi bosta miżuri possibbli li kapaċi jsaħħu l-konnettività fl-Unjoni Ewropea.

(2) Fost il-miżuri li jappoġġaw il-viżjoni tal-konnettività Ewropea, din tippromwovi l-introduzzjoni ta' punti tal-aċċess lokali bla fili permezz ta' proċeduri simplifikati tal-ippjanar u b'inqas ostakli regolatorji. Dawn il-punti tal-aċċess, inklużi dawk anċillari għall-forniment ta' servizzi pubbliċi oħrajn jew b'natura mhux kummerċjali, jistgħu jagħtu kontribut importanti biex jitjiebu n-netwerks attwali tal-komunikazzjoni bla fili u biex jiġu introdotti l-ġenerazzjonijiet futuri ta' dawn in-netwerks, billi jiffaċilitaw kopertura aktar granulari skont il-ħtiġijiet li qed jinbidlu.

(3) Wara l-Komunikazzjoni li tistabbilixxi viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-internet għas-Suq Uniku Diġitali u sabiex tippromwovi l-inklużjoni diġitali, l-Unjoni għandha tappoġġa l-forniment ta' konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali, inkluż fi spazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku ġenerali, permezz ta' appoġġ immirat. Dan l-appoġġ għadu mhux kopert bir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013[15] u (UE) Nru 283/2014[16].

---

12 ĠU C,, p...

13 ĠU C,, p..

14 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv – Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits (COM(2016) 587).

15 Ir-Regolament (UE) Nru 1316/20136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-

(4) Appoġġ ta' dan it-tip għandu jħeġġeġ lill-entitajiet b'missjoni pubblika bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri tas-servizzi pubbliċi biex joffru konnettività lokali bla fili mingħajr ħlas bħala servizz anċillari għall-missjoni pubblika tagħhom ħalli jiżguraw li l-komunitajiet lokali jistgħu jesperjenzaw il-benefiċċji tal-broadband b'veloċità kbira ħafna fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika. Dawn l-entitajiet jistgħu jinkludu l-muniċipalitajiet u lil awtoritajiet pubbliċi lokali oħra, lil-libreriji u lill-isptarijiet..

(5) Il-konnettività lokali bla fili għandha tikkwalifika biss bħala mingħajr ħlas meta tkun qed tingħata mingħajr ħlas korrispondenti imħallas b'mod dirett jew b'xi tip ieħor ta' ħlas korrispondenti, inkluż ir-reklamar u l-għoti tad-dejta personali, iżda mhux limitat għalihom.

(6) Jekk jitqiesu l-għan speċifiku tal-intervent u n-natura mmirata tiegħu lejn il-ħtiġijiet lokali, dan għandu jiġi identifikat bħala proġett distint ta' interess komuni fis-settur tat-telekomunikazzjoni skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

(7) Dan l-intervent se jeħtieġ finanzjament xieraq u għalhekk il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tas-CEF fis-settur tat-telekomunikazzjoni għandu jiżdied b'EUR 50 miljun.

(8) Billi dan l-intervent għandu natura mhux kummerċjali u l-proġetti individwali previsti huma żgħar, il-piż amministrattiv għandu jkun l-inqas possibbli. Għalhekk l-intervent għandu jitwettaq bl-aktar forom xierqa ta' għajnuna finanzjarja, l-aktar b'għotjiet, disponibbli skont ir-Regolament Finanzjarju, issa jew fil-futur. L-intervent ma għandux jistrieħ fuq l-istrumenti finanzjarji.

(9) Billi punt tal-aċċess lokali bla fili partikolari għandu lħuq limitat u l-valur tal-proġetti individwali koperti hu żgħir, il-punti tal-aċċess li se jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja skont dan ir-Regolament mhumiex mistennija jikkontestaw l-offerti kummerċjali. Biex ikun żgurat aktar li din l-għajnuna finanzjarja ma xxekkilx il-kompetizzjoni, ma tgerrixx l-investimenti privati jew ma tiddiżinċentivax lill-operaturi privati milli jinvestu, l-intervent għandu jkun limitat għall-proġetti li ma jidduplikawx l-offerti privati jew pubbliċi eżistenti b'karatteristiċi simili fl-istess żona. Dan ma għandux jeskludi appoġġ addizzjonali għal introduzzjonijiet b'din l-inizjattiva minn sorsi pubbliċi u privati ta' finanzjament.

(10) Biex ikun żgurat li l-konnettività skont dan ir-Regolament tingħata malajr, l-għajnuna finanzjarja għandha tiġi implimentata kemm jista' jkun b'għodod online ħalli l-applikazzjonijiet jkunu jistgħu jitressqu u jiġu pproċessati malajr filwaqt dawn jappoġġaw l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-awditjar tal-punti tal-aċċess lokali bla fili installati.

(11) Minħabba l-ħtiġijiet tal-konnettività tal-internet fl-Unjoni u l-urġenza li jiġu promossi netwerks tal-aċċess li jistgħu jwasslu esperjenza tal-internet ta' kwalità kbira mal-UE kollha bbażati fuq servizzi tal-broadband b'veloċità kbira ħafna, l-għajnuna finanzjarja għandha tara li tikseb distribuzzjoni bilanċjata ġeografikament.

Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015, ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

16 Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE, ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.

(12) Għaldaqstant ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1316/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) is-settur tat-telekomunikazzjoni: EUR 1 091 602 000;"

2. L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għall-appoġġ tal-għajnuna finanzjarja tal-UE bl-għamla ta' għotjiet, akkwist u strumenti finanzjarji għandhom ikunu eliġibbli biss dawk l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1315/2013, (UE) Nru 347/2013 u r-Regolament tal-Linji Gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, u l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi."

b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fis-settur tat-telekomunikazzjoni, l-azzjonijiet kollha li jimplimentaw il-proġetti ta' interess komuni u l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi identifikati fir-Regolament tal-Linji Gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, li jkunu jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u/jew il-kundizzjonijiet stabbiliti b'konformità ma' dak ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, kif ġej:

(a) is-servizzi ġeneriċi, il-pjattaformi ta' servizzi prinċipali u l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi għandhom jiġu ffinanzjati b'għotjiet u/jew bl-akkwist;

(b) l-azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband għandhom jiġu ffinanzjati bi strumenti finanzjarji;

(ċ) l-azzjonijiet fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu ffinanzjati b'għotjiet jew b'forom oħra ta' għajnuna finanzjarja mill-istrumenti finanzjarji."

3. Fl-Artikolu 9, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta jkun ġustifikat bil-ħsieb li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ, l-aktar fil-każ ta' għotjiet b'valur baxx skont it-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2012, il-ftehim tal-Istati Membri jista' jingħata għal ċertu kategorija ta' proposti fil-programmi ta' ħidma b'konformità mal-Artikolu 17, mingħajr ma jiġu indikati applikanti individwali."

4. Fl-Artikolu 10(4) jiddaħħal dan it-tielet subparagrafu:

"L-azzjonijiet fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu ffinanzjati b'għajnuna finanzjarja tal-Unjoni sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kofinanzjament."

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 283/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(2) jiddaħħal dan il-punt (h):

"(h) "punt tal-aċċess lokali bla fili" tfisser tagħmir b'potenza baxxa li jaħdem fuq firxa żgħira, li juża spettru tar-radju fuq bażi mhux esklussiva li l-kundizzjonijiet għad-disponibbiltà tiegħu u l-użu effiċjenti għal dan il-għan huma armonizzati fil-livell tal-Unjoni, u li permezz tiegħu l-utenti jkunu jistgħu jiksbu aċċess bla fili għal netwerk tal-komunikazzjoni elettronika."

2. Fl-Artikolu 4(1) jiddaħħal dan il-punt (c):

"(ċ) jappoġġaw il-forniment ta' konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali."

3. L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. L-ammont totali tal-baġit allokat għall-istrumenti finanzjarji għan-networks tal-broadband ma għandux jaqbeż il-minimu meħtieġ għall-istabbiliment ta' interventi kosteffiċjenti li għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' valutazzjonijiet *ex-ante* kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

Dak l-ammont għandu jkun sa 15% tal-pakkett finanzjarju għas-settur tat-telekomunikazzjoni msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013."

b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali għandhom jiġu appoġġati permezz ta':

(a) għotjiet; u/jew

(b) forom ta' għajnuna finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħrajn."

4. Fl-Artikolu 6 jiżdied dan il-paragrafu 8a:

"8a. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-forniment tal-konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fil-komunitajiet lokali għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness."

5. Fl-Artikolu 8(9) jiżdied dan il-punt (d):

"(d) l-għadd ta' konnessjonijiet għall-punti tal-aċċess lokali bla fili stabbilit bl-azzjonijiet li jimplimentaw it-Taqsima 4 tal-Anness."

6. Fl-Anness għandha tiddaħħal din it-taqsima:

"TAQSIMA 4. KONNETTIVITÀ BLA FILI FIL-KOMUNITAJIET LOKALI

L-azzjonijiet immirati għall-forniment tal-konnettività lokali bla fili u mingħajr ħlas fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali, inkluż fi spazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku ġenerali, u li jaqdu rwol ewlieni fil-ħajja pubblika tal-komunitajiet lokali, għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja.

L-għajnuna finanzjarja għandha tkun disponibbli għall-entitajiet b'missjoni pubblika bħalma huma l-awtoritajiet lokali u l-fornituri tas-servizzi pubbliċi li jipprovdu konnettività lokali bla fili u mingħajr bl-installazzjoni ta' punti tal-aċċess lokali bla fili.

Il-proġetti għall-forniment tal-konnettività bla fili permezz ta' punti tal-aċċess lokai bla fili aċċessibbli liberament jistgħu jirċievu finanzjament jekk:

1) timplimentahom entità b'missjoni pubblika li tkun kapaċi tippjana u tissorvelja l-installazzjoni tal-punti tal-aċċess lokali bla fili interni u esterni fl-ispazji pubbliċi;

2) jissejsu fuq konnettività tal-broadband b'veloċità kbira ħafna ħalli l-utenti jkunu jistgħu jesperjenzaw internet ta' kwalità kbira u:

   a. mingħajr ħlas, faċli li jiġi aċċessat, u li juża tagħmir avvanzat ħafna, u

   b. li jappoġġja l-aċċess għal servizzi diġitali innovattivi, bħal dawk offruti permezz ta' infrastrutturi tas-servizzi diġitali;

3) juża l-identità viżiva komuni li tipprovdi l-Kummissjoni u r-rabta mal-għodod online assoċjati.

Ma għandhomx jiġu koperti proġetti li jidduplikaw offerti privati jew pubbliċi eżistenti b'karatteristiċi simili, inkluż il-kwalità, fl-istess żona.

